# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 1771

**Kaz Numru 2452**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Edmund Briffa**

**u**

**Bonu Garage Limited**

*dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ingusta*

Illum it-Tlieta 27 ta' Marzu 2007

**1. Riferenza**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fid-18 ta' Jannar 2007.

**2. Rapprezentanza**

2.1 Edmund Briffa li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent kien assistit mill-Avukat Adrian Muscat Azzopardi.

2.2 Il-kumpanija *Bonu Garage Limited* li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata kienet irrapprezentata minn Joe Debono li kien assistit mill-Avukat Antoine Naudi.

**3. Fatti tal-kaz**

Nhar l-1 ta' Jannar 2006 ir-rikorrent, kien impjegat bhala *Coach Driver* mal-kumpanija intimata fuq baz*i whole time* ghal zmien indefinit. . Nhar it-23 ta' Ottubru 2006 Joe Debono, sid tal-kumpanija intimata, gharrfu li minhabba li x-xoghol kien naqas kien kostrett itemmlu l-impjieg. Minbarra hekk Joe Debono gharrfu li fil-formola statutorja tat-temm ta' l-impjieg kien ser jiddikjarah li spicca minhabba nuqqas ta' xoghol.

Meta r-rikorrent talab li jithallas ghaz-zmien statutorju ta' l-avviz tat-temm ta' l-impjieg is-Sur Debono irrifjuta li jaghmel dan. Minbarra hekk meta r-rikorrent investiga mall-Korporazzjoni dwar L-Impjiegi u Tahrig kien mgharraf li r-raguni ddikjarata ghat-temm ta' l-impjieg fil-formola preskritta kienet ta' "tkeccija b'dixxiplina".

**4. Lista tax-xhieda**

4.1 Joe Debono xehed ghall-kumpanija intimata

4.2 Edmund Briffa xehed min jheddu

**5. Lista ta' dokumenti**

5.1 Il-kumpanija intimata esebiet l-istqarrija tal-kaz

5.2 Ir-rikorrent esebixxa

5.1 l-istqarrija tal-kaz.
5.2 kopja ta' l-FS3 ghas-sena li taghlaq fil-31.12.06 immarkata Dok. A
5.3 kopja tal-formola statutorja tat-Temm ta' L-impjieg immarkata Dok.B

**6. Gabra fil-qosor tax-xhieda**

6.1 Joe Debono xehed li f'jum mhux indikat kellem lir-rikorrent u gharrfu li minhabba li x-xoghol kien naqas ma setax izommu aktar fl-impjieg u r-rikorrent accetta li jibda jahdem l-avviz statutorju ghat-temm ta' l-impjieg. Joe Debono kompla jghid li wara li ghaddew xi gimgha u nofs ir-rikorrent kien gharrfu li ma kienx ser ikompli jahdem l-avviz statutorju ghat-temm ta' l-impjieg u m'attendiex aktar ghax-xoghol.

Joe Debono stqarr li hu gharraf lill-*Accountant* tal-Kumpanija b'dak kollu li sehh, izda l-*Accountant* interpreta hazin dak li kien qallu u ddikjara fil-fomola statutorja ghat-temm ta' l-impjieg li r-rikorrent spicca mill-impjieg b'dixxiplina.

6.2 Edmund Briffa xehed li nhar it-23 ta' Ottubru 2006 Joe Debono gharrfu li minhabba li x-xoghol kien naqas ma setghax izommu aktar fl-impjieg, kien ser jiddikjarah *redundant* u li jekk ikollu xi

xoghol kien lest joffriulu biex jahdem fuq bazi *part time.* Ir-rikorrent accetta li jibda jahdem l-avviz statutorju ghat-temm ta' l-impjieg. Wara li hadem xi gimgha u nofs, hu gharraf lil Joe Debono li ma kienx ser ikompli jahdem l-avviz statutorju u talab li jithallas dak kollu dovut lilu skond il-ligi, izda Joe Debono irrifjuta li jkompli jhallsu. Edmund Briffa zied jghid li meta wara indaga mall-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u Tahrig kien mgharraf li l-kumpanija intimata kienet iddikjarat li keccietu b'dixxiplina. Edmund Briffa temm jghid li hu ma riedx jiffirma d-dokument li kien jghid li tkecca b'dixxiplina.

## 7. Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

Meta fuq stedina tat-Tribunal Industrijali ghal ftehim bonarju il-partijiet ittransiegu bejniethom il-kumpanija intimata accettat li thallas dak kollu li hu dovut lir-rikorrent skond il-provvedimenti ta' l-artiklu 36 ta' l-Att XXll Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta u li taghmel dak kollu li jista' jkun mitlub minnha mill-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u Tahrig rigwardanti r-raguni ghat-temm ta' l-impjieg tar-rikorrent.

## 8. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali

8.1 wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, jiddeciedi li t-temm ta' l-impjieg ta' Edmund Briffa kien ghal raguni ta' nuqqas ta' xoghol.

8.2 jordna li din id-decizjoni tingieb ghal konjizzjoni tal-Korporazzjoni dwar L-Impjiegi u Tahrig u jordna lill-istess Korporazzjoni tibdel ir-raguni ghat-temm ta' l-impjieg ta' Edmund Briffa minn "Tkeccija b'dixxiplina" ghal "Nuqqas ta' Xoghol".

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Erbghin Liri Maltin (Lm40).

____________________

Anthony DeGiovanni

Chairman